Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT- DISA' u ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru 2014

**Ħin:** Mid-9am sal-10.36 am

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello (9.10am)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Seba' u Erbgħin u Tmienja u Erbgħin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 3 ta' Settembru 2014 u l-Erbgħa 1 ta' Ottubru 2014 rispettivament. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il Viċi-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li fuq *l-overgrown trees* għad baqa' xi residenti li ma ottemporawx ma' l-ittri li ntbgħatu biex jinżabru s-siġar li qed jostakolaw il-bankini. Mill-wieħed u ħamsin residenza li kellhom is-siġar jostakolaw meta ntbgħatet l-ewwel reminder għad fadal biss disa' li ħamsa minnhom huma djar vojta jew għal bejgħ.

Is-Segretarju Eżekuttiv kiteb lill-avukata tal-Kunsill biex tiggwidana fuq x'passi legali jista' jieħu l-Kunsill fil-konfront ta' dawk in-nies li ma wieġbux għas-sejħa tal-Kunsill. Risposta tingħata fil-laqgħa li jmiss.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li l-perit qed jitlob lill-Kunsill jiddeċiedi jekk il-bankina tat-triq għandix issir bil-paving blocks jew tingħata wiċċ tal-concrete biss.

Il-Kunsill approva li l-bankini għandhom isiru bil-paving blocks.

Is-Sindku John Zammit Montebello xtaq jippreċiża li fir- rigward tal-*household connections*, ser jinbidlu dawk biss li saritilhom ħsara għar-raġuni li maż-żmien it-triq bdiet iċċedi u saru xi ħsarat fil-katusi. L-oħrajn li skont

ir-rapport li għandu l-Kunsill ma' għandhomx ħsara imma jidher li l-*pipe sockets* ma sarux kif suppost, il-Kunsill mhux ser jidħol għall-ispejjeż tagħhom u li wara kollox dawn huma propjeta' privata. Aħna bħala Kunsill infurmajna r-residenti b'dan biex jekk iridu kif għaddejjin ix-xogħolijiet fuq din it-triq dawn il-*pipe sockets* isiru mill-ġdid a spejjez tal-inkwilini.

Is-Sindku qal li minħabba li l-Gvern Ċentrali fil-ġimgħat li ġejjin ser jibda xi xogħolijiet b'konnessjoni mal-National Flood Releif  Fund u ser tingħalaq it-triq ta' Ħal Lija minn ħdejn il-Bathroom Design saċ-ċimiterju qed jeżiġi li ssir laqgħa mal-kuntrattur biex Triq Guze Bonnici tkun miftuħa u lesta sal-aħħar ta' Novembru u mhux aktar tard għaliex ser ikun hemm konġestjoni tat-traffiku jekk it-triq iddum biex titlesta.

## 3. <u>Korrispondenza u Ilmenti</u>

**Ittra Nru. 4373**: Talba mingħand is-Sur Anthony Grech biex bħal kull sena l-Kunsill iħallas l-ispejjeż tad-dawl tal-milied fejn fi Triq L-Għerusija jsir it-tiżjin tal-Milied.

Il-Kunsill filwaqt li xtaq jiġbed l-attenzjoni tas-Sur Grech li kull sena dawn l-ispejjeż qed jiżdiedu u li l-bozoz għandhom jinbidlu għal LED, huwa għal din is-sena qed japprova dan il-ħlas.

**Ittra Nru. 4374**: Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq ilment rigward parking li qed isir fuq il-bankina ta' quddiem Kola Store u li għandhom jitħarsu l-interessi ta' dawk in-nies li jgħaddu minn hemm kif ukoll ikunu protetti minn xi aċċident.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex issir laqgħa fuq il-post mal-perit tal-Kunsill biex isiru xi tip ta' alterazzjonijiet fil-pjanta u tiġi sottomessa l-MEPA għall-approvazzjoni u  b'hekk ikun hemm is-serħan tal-moħħ li ma jinqalax xi aċċident u jsir l-infurzar meħtieġ.

**Ittra Nru 4405**: Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq suġġeriment ta' xi residenti li fi Pjazza Bertu Fenech isir xi tip ta' residential parking minħabba problema ta' pparkjar.

Is-Sindku wieġeb li fil-preżent, il-Gvern Ċentrali ssospenda dawn it-tip ta' residential parking schemes u ma tistax tiġi kkunsidrata.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Maramara staqsa x'ġara mir-reservoir ta' ħdejn Steve's stationery.

Is-Sindku wieġeb li dan ir-reservoir fis-snin sebgħin sfortunatament kien intradam u ma jista' jsir xejn.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk jistgħux jittieħdu passi mill-Pulizija fil-konfront ta' dawk ir-residenzi li għandhom l-airconditioner tagħhom iqattar għal ġo t-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv fuq dan ġie infurmat mis-Supretendent tal-Pulizija tal-għassa ta' Birkirkara li ma kien qed isir ebda reat skont il-liġi.

**Ittra Nru 4376**: Ittra mingħand iċ-ċermen tal-VOTE 16 fejn infurmaw lill-Kunsill li jrid jinstab Ambaxxiatur ieħor minflok is-Sur Andrew Zammit Montebello peress li dan għalaq it-tmintax.

**Ittra Nru 4381**: Talba mingħand residenta li toqgħod fi Triq il-Wied biex jitwaħħlu xi doggie bins ħdejn il-Bring In Site.

Il-Kunsill japprova dan pero' dawn ser jitwaħħlu meta' jkun hemm fil-post is-CCTV cameras li tagħhom inħarget sejħa ta' offerti u li tagħlaq fis-17 ta' Novembru 2014.

Dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbagħtu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

Dwar l-ilmenti l-oħra li rċieva l-kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull min ippreżenta l-ilment.

**5 Sottokumitati - Tagħrif**

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara, Chairperson tas-Sottokumitat Edukazzjoni, Kultura u Pubblikazjonijiet qal li fit-30 ta’ Novembru ser tiġi organizzata l-ħarga tal-Ħeritage Malta.

Il-Kunsillier Guido Borg Chairperson tas-sottokumitat Anzjani u Skejjel avża lill-Kunsill li l-ħarġa li jmiss ser tkun żjara fil-lokalita’ ta’ Santa Lucia. Ingħata tagħrif fuq il-programm tal-ġurnata.

Huwa tkellem ukoll fuq il-laqgħa informali mal-President ta’ Malta biex l-anzjani jagħmlu żjara l-Palazz tal-President.

Il-Kunsillier Stephen Gatt qal li waqt li kien avveniment tal-Ambaxxata Spanjola huwa tkellem mal-Ambaxxiatrici Amerikana u stidinha biex tagħmel zjara lill-lokalita’ ta’ Ħal Balzan u ndawruha mal-heritage trail tar-raħal.

**6. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku Dr. John Zammit Montebello xtaq jagħti prosit lill-organizzaturi tal-Festa Kultura u qal li kienet suċċess.

Is-Sindku Dr. John Zammit Montebello ta tagħrif fuq l-approvazzjoni tal-applikazzjoni UIF għat-tibdil tal-lampi fil-village core fejn ser jinbidlu mat-tnejn u tmenin lampa. Il-quddiem jekk il-fondi jippermettu inkomplu nzidu n-numru ta’ bdil ta’ lampi.

**7 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta’ petty cash**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tal-24 ta’ Ottubru 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 19,288.01

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**8 Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk jistax juża l-arma tal-kunsill fil-leaflets għall-elezzjonijiet tal-Kunsilli.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekkja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ġimgħa, 14 ta’ Novembru 2014 fid-9.00am.

__________________________
**Dr. John Zammit Montebello**
Sindku

__________________________
**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

______________________
Data